**TAJJEB LI TKUN TAF**

# Il-Proċess ta' Restawr tal-Istatwa Titulari ta' San Pawl Appostlu

***"Kappillan, hemm fhiex wasalna?"***
Minn mindu San Pawl ittieħed għar-restawr lejn il-laboratorju tal-*Atelier del Restauro* fil-Mosta, nhar is-7 ta' Jannar 2015, nistgħu ngħidu li nbeda ħafna xogħol relatat mal-istatwa u l-pedestall:

- adeżjoni (inkollur) tal-partijiet li fihom kien hemm xquq
- testijiet ta' tindif
- riċerka għal dokumenti ta' kuntratti u notamenti
- riċerka ta ritratti antiki
- tindif tal-fidda tal-istatwa (id-dijadema u s-sejf, iċ-ċrieket u s-salib)
- tindif tas-sandli u ħidma biex jeħel b'mod aktar adatt
- tiswija ta' fosos relatati
- tlesta l-ewwel rapport tal-monitoraġġ ambjentali tan-niċċa minn Michael Formosa M.Cons., B.Cons. (Hons), LCGI ta' *Wood Conservation and Science*.

***Ħu interess u agħti sehemek***
Aktar dettalji ser jingħataw fiż-żjarat li ser isiru fil-laboratorju tar-restawr f'Mejju-Ġunju.

Bla dubju nistieden lil kull parruċċan u lil dawk li għandhom għal qalbhom din ix-xbieha qaddisa, biex ikomplu jikkontribwixxu fid-donazzjonijiet finanzjarji b'risq dan il-proġett.

***Il-Kappillan flimkien mal-Kummissjoni Restawr Statwa ta' San Pawl***



*Parti mil-libsa ta' San Pawl li saritliha test ta' tindif.*



*Maria Grazia Zenzani waqt test ta' tindif fuq il-karnaġjon tal-istatwa.*



*L-id merfugħ ta' San Pawl hekk kif beda jiġi jidher wara test ta' tindif*

Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## L-Ispirtu s-Santu f'Marija u fil-Ħajja tan-Nisrani

Festa kbira li niltaqgħu magħha f'dan ix-xahar ta' Mejju, hi dik tal-Miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja: Pentekoste jew Għid il-Ħamsin. Għall-ewwel insara, dan il-jum kien għalihom jum qawwi għax issa setgħu jgħixu s-sejħa tal-Mulej Ġesù b'mod sħiħ. L-Ispirtu s-Santu tahom id-dehen biex jifhmu dak kollu li Ġesù kien qalilhom; tahom is-saħħa biex jirbħu kull biża' u mistħija; tahom r-rieda biex jagħmlu dak li sa issa ma kellhomx ħila jagħmlu: jxandru u jħallu lil Kristu jidher fihom bla tlaqliq u bla kantunieri.

***Huwa l-Ispirtu li jagħti l-Ħajja u l-Kuraġġ***
Hu l-Ispirtu li jagħti lil kull nisrani l-ħajja fi Kristu u l-kuraġġ biex bħal Pietru u Ġwanni, u l-kumplament tal-Appostli, li finalment kienu "nies sempliċi", jagħti xhieda għaliH. Huwa l-Ispirtu li kapaċi jibdel l-attitudni tagħna, l-istorja ta' ħajjitna, u jimlina bil-kuraġġ li jdewweb kull biża' u kumplikazzjoni. Fir-riflessjonijiet li qed jagħmel dwar l-Ispirtu s-Santu waqt il-quddies fil-kappella tad-Dar Santa Marta, il-Papa Franġisku qiegħed kontinwament jistqarr li n-nisrani mimli bl-Ispirtu "ma jistax jibqa' sieket fuq dak li ra u sema'" imma għandu dejjem jitkellem bla biża', b'mod liberu, ċar u tond. Dan ma jfissirx li jkun arroganti fl-argumentazzjoni, imma pjuttost ifisser li ma jostakolax u ma jsikkitx il-vuċi ta' Alla fih. Anzi għandu jkun hu stess li jwassalha lill-persuni ta' madwaru.

***Marija, l-Għamara xierqa tal-Ispirtu s-Santu, l-għajnuna tagħna***
Eżempju ċar u għajnuna siewja ta' dak li Alla qed jitlob minn kull nisrani hija Marija. U mhux ta' b'xejn li l-ewwel insara kienu jinġabru magħha: *"U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesù.""* (Atti 1,14). L-esperjenza ta' Pentekoste irridu nagħrfuha wkoll bħala esperjenza li għandna bżonn lil xi ħadd jiggwidana fiha: Marija, dik li għaliha l-esperjenza tal-Ispirtu s-Santu ma kinetx ġdida għal kollox, minħabba l-fatt li fiha l-Ispirtu s-Santu kien sab l-għamara xierqa biex l-Iben t'Alla jitnissel fiha. Matul dan ix-xahar ejjew nirrealizzaw u nitolbuha lil Ommna Marija biex tgħinna ħalli bħala nkunu l-*qaddejja tal-Mulej* u hekk inħalluh idawwalna u jsaħħaħna u jaħdem permezz tagħna.

***l-Ispirtu fil-Ħajja tan-Nisrani***
L-Ispirtu s-Santu huwa r-Ruħ li jagħti l-Ħajja. Il-qawwa tiegħU tinħass fil-ħajja tan-nisrani li ltaqa' miegħu għall-ewwel darba dak il-jum tal-Magħmudija. Ġejna kkonsagrati bħala t-tempju tiegħu fejn tgħammar is-Santissima Trinità. Minn għandu rċevejna is-seba' doni dak in-nhar tal-Griżma tal-Isqof. Bil-qawwa u l-kuraġġ nistqarru li aħna nsara filwaqt li bla biża' u b'tant rispett uman nipprattikaw l-valuri tal-ħajja nisranija. Quddiem dinja li qed twarrab lil Alla nkomplu bil-kuraġġ kollu nwasslu l-messaġġ ta' Kristu lil tant nies li jħossuhom fil-periferija tal-ħajja nisranija. Kull wieħed u waħda minna għandu japprezza d-dinjità ta' nisrani li ssib l-għeruq tagħha fl-Ispirtu s-Santu li ssawwab fuqna biex ikun d-difensur tagħna.

Jalla matul dan ix-xahar naħtfu din l-opportunita' li Alla qed jagħtina f'ħajjitna biex fuq l-eżempju ta' Marija aħna wkoll inkunu *għamajjar xierqa tal-Ispirtu s-Santu.*

***Dun David Farrugia***

# Id-Djarju tal-Parroċċa
# Mejju 2015

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 1 ta' Mejju | **Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem** u **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal ta' matul il-ġimgħa<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 3 ta' Mejju | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid** |
| Il-Ġimgħa 8 ta' Mejju | **Tifkira tal-Madonna ta' Pompej**<br>Fl-11:30am - Rużarju u Quddiesa, li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna u tingħata il-Barka Sagramentali<br>**Festa ta' San Ġorġ Preca**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali animata mill-membri tal-MUSEUM. |
| Il-Ħadd 10 ta' Mejju | **Is-Sitt Ħadd tal-Għid – *Jum l-Omm***<br>Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)* |
| Il-Ħadd 17 ta' Mejju | **It-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema – Lapsi**<br>Jum Dinji tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali |
| Is-Sibt 23 ta' Mejju | Ċelebrazzjoni bħala Djoċesi tal-Vġili ta' Pentekoste |
| Il-Ħadd 24 ta' Mejju | **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**<br>Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu ppreżentati dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof |
| Il-Ħamis 28 ta' Mejju | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 31 ta' Mejju | **Festa tat-Trinità Qaddisa**<br>Fl-10:00am - Quddiesa li fiha tiġi ċċelebrata l-Ewwel Tqarbina |





**IEQAF u AĦSEB**

## *Talbiet li kull Omm tajjeb li tagħmel*

Mulej, jekk jogħġbok, agħtini:

1. Li nifhem u nkun mifhuma aħjar minn żewġi
2. Li nħobb dejjem aħjar biex intejjeb iż-żwieġ tagħna
3. Li nkun aktar devota u grata lejn Ommna Marija
4. Li jkolli biżżejjed għerf li ngħin lil uliedi biex inkunu nsara tajbin
5. Li nkun umli biżżejjed biex nieħu pariri tajbin b'enfasi nisranija
6. Li jkolli qalb ġeneruża u tajba, anke jekk l-affarijiet ma jkunux sejrin tajjeb jew kif mixtieq minni
7. Li nkun kapaċi naħdem u nibqa' nuri t-tjubija u l-bilanċ meħtieġ
8. Li nkun kapaċi nitlob waqt il-ħin li naħsel il-ħwejjeġ jew it-tisjir
9. Li nkun ġentili ma' dawk ta' madwari biex indewwaqhom is-sens familjari ta' Alla
10. Li nsib soluzzjonijiet ġusti u qaddisa għall-problema kollha li jkolli ngħaddi minnhom
11. Li jkolli ftit ħin ta' mistrieħ (aktar ħin ikun aħjar, imma ftit ukoll tajjeb).





**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Emma Busuttil, Jake Tonna, Nicole Chetcuti



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
David Spiteri u Rodianne Zammit



***Daħal fil-ħajja ta' dejjem***
Pawlu Busuttil